

28.9.2023

A9-0271/108

Emenda 108
Danilo Oscar Lancini
f' isem il-Grupp ID

Rapport
Maria Spyra

A9-0271/2023

Il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
(COM(2022)0748 – C9-0433/2022 – 2022/0432(COD))

Proposta għal regolament
Anness I – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 1272/2008
Anness I – Parti 1 – Taqsima 1.2.1.5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) tiżdied it-Taqsima 1.2.1.5. li ġejja: imħassar
“1.2.1.5.

It-test fuq it-tikketta għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) l-isfond tat-tikketta għandu jkun abjad;

(b) id-distanza bejn żewġ linji għandha tkun ugwali għal jew aktar minn 120 % tad-daqs tat-tipa;

(c) għandha tintuża tipa waħda li tkun tista' tinqara faċilment u mingħajr serifs;

(d) l-ispazjar tal-ittri għandu jkun xieraq sabiex it-tipa magħżula tkun tista' tinqara b'mod komdu.

Għat-tikkettar tal-imballaġġ ta' ġewwa fejn il-kontenut ma jaqbiżx l-10 ml, id-daqs tat-tipa jista' jkun iżgħar minn dak indikat fit-Tabella 1.3, sakemm ikun jista' jibqa' jinqara minn persuna b'vista medja, fejn jitqies li huwa importanti li titqiegħed id-dikjarazzjoni tal-aktar periklu kritiku u fejn l-imballaġġ ta' barra jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 17.”

Or. en